MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 422/1998/1

**Allied Insurance Services Limited agenta tas-socjeta' estera assigurattrici "Assicurazioni Generali S.p.A.' u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Emmanuel Vassallo**

**Vs**

**Carmelo Galea**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici nomine dik is-somma ta' seba mija u tlieta u ghoxrin liri maltin (Lm723.00) jew somma verjuri, rappresentanti d-danni nkorsi mill-assigurat tas-socjeta' attrici in konsegwenza tal-kollizjoni li grat fil-15 ta' April, 1996, f'Nazju Ellul Street, kantuniera ma Giacent Tua Street, Msida, bejn il-karozza F-6243 mill-konvenut misjuqa u l-karozza VSL 005

proprjeta’ tal-assigurat w misjuqa minn Lycia Vassallo, liema danni kellha taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta’ assiguratrici skond il-polza u l-ligi.

Bl-ispejjes u l-imghax legali inkluzi dawk tal-ittra ufficjali.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 6 tal-atti) u li biha eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez talli ghall-incident ‘de quo’ kienet tahti Lycia Vassallo li kienet issuq car nru VSL 005.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi PS 1400 Anthony Farrugia li investiga dan il-kaz (fol 12 et seq ibid) oltre li esebixxa kopja tal-iskizz maghmul minnu u li fuq hemm msemmija l-lokalita’ tal-incident in esami kif ukoll il-posizzjoni tal-vetturi involuti f’din il-habta (fol 14 ibid). Sussegwentement, kopja tar-rapport relattiv ghal dan l-incident kienet giet esebita minn PS 909 Paul Buhagiar (fol 43 et seq ibid) ghar-raguni indikata fl-istess xhieda. Hawnhekk jkun opportun li ssir referenza ghal-parti mix-xhieda moghitja mill-istess Ufficjal tal-Pulizija u dan minhabba dak li qed jghid il-konvenut (ara infra). Difatti dan ix-xhud spjega li testwalment “Filfatt Nazju Ellul Street, ilha, ghal madwar disa’ snin, ‘one way’ u ‘Giacint Tua Street saret ukoll ‘one way’ madwar sena’ ilu.

Ikkunsidrat

Illi fuq l-imsemmi skizz jidher murija z-zewg toroq hawn fuq imsemmija (ara fol 14 ibid). Lycia Vassallo (fol 15 et seq ibid) spjegat li kienet qed issuq il-vettura numru VSL

005, proprjeta’ ta’ missierha, Emanuel Vassallo, u waslet f’incrocju fejn kienet “…. Hierga ghal go Triq Nazju Ellul” sabiex tkompli sejra lejn il-faccata. Hawnhekk qabel ma qasmet, hi waqfet fejn kien hemm sinjal ta’ “stop” (mhux muri fuq l-istess skizz) u harset sabiex tara li ma kienx hemm traffiku. Meta bdiet hierga, hi rat il-karozza l-ohra, misjuqa mill-konvenut, gejja “…. Mill-lemin tieghi cioe minn Triq Nazju Ellul li hija triq ‘one way’ “. Minhabba hekk, hi waqfet izda l-vettura l-ohra “… gejja kontra l-‘one way’ “ habtet maghha.

Ikkunsidrat

Illi dwar dan il-konvenut (fol 40 et seq ibid) li kien qed jsuq il-karozza l-ohra bin-numru F-6243, spjega li hu kien dahal f’Triq Nazju Ellul minn triq laterali fejn “Ma kien hemm l-ebda sinjal tat-traffiku li jindika li ma stajtx nidhol lejn il-lemin ghal go Triq Nazju Ellul”. Wara li semma’ illi “Triq Nazju Ellul kienet it-triq principali”, u wara li saq fl-istess triq u wasal fl-inkrocju msemmi, minn go triq laterali fuq in-naha tax-xellug, harget karozza ohra u saret il-habta. Dwar dan hu spjega illi “….f’dawk il-granet inzerta (Triq) li Nazju Ellul saret ‘one way’ anzi ….. mill-lejl ghan-nhar ….” U kien gie infurmat dwar dan il-fatt, meta wasal fuq il-post l-Ufficjal tal-Pulizija imsemmi. Difatti, hu kompla jghid illi kien hemm sinjal illi l-istess triq kienet saret “a senso unico” fil-bidu taghha biss minn fejn ma kienx saq jew dahal fl-istess triq u illi “wara l-incident saru s-sinjali tat-traffiku kollha fil-partijiet rilevanti” inkluz fit-triq laterali minn fejn kien hareg ghall-istess triq (dwar dan ara x-xhieda pjuttost inkonklusiva, tal-Maggur Paul Ripard, l-ex-segretarju tal-Bord li Jikkontrola t-Traffiku, a fol 53 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jidher illi l-konvenut qed jikkontendi illi saq fit-Triq in kwistjoni kontra s-sinjal tat-traffiku, minhabba li, fit-triq laterali minn fejn hareg, ma kienx hemm sinjal li jindika li ma setax jdur lejn il-lemin tieghu. Dwar dan il-Qorti tara li ma ghandhiex tiddubita dwar il-veracita ta’ dak li qed jsostni l-istess konvenut kif risultanti mix-xhieda tieghu. Ghalhekk ma jistax jigi ritenut illi dan l-

incident gara minhabba tort tal-istess konvenut (ara l-artikolu 1031 u 1032 tal-kodici Civili). Lanqas ma jista' jinghad li din il-habta kienet risultat ta' "culpa" skond l-artikolu 1033 tal-istess Kodici. Filfatt l-istess Qorti hi tal-fethma illi dan l-incident kien risultat ta' zball ta' fatt kawzat minn nuqqas ta' terzi li jpoggu s-sinjal ta' traffiku applikabbli fit-triq laterali li kien qed juza l-konvenut, liema sinjal kellu jindika, b'mod car, li ma setax jsuq lejn il-lemin tieghu.

Illi, ghalhekk, din il-Qorti ma tistax tilqa t-talbiet attrici waqt li ghandu jigi ritenut li Lycia Vassallo ma ghandhiex tigi konsiderata responsabbli ghal dan l-incident.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici waqt li in rigward l-ispejjes fic-cirkostanzi tal-kaz in esami kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------